Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Ir-Repubbblika ta' Malta
[Av. Cynthia Tomasuolo]
[Spettur Kylie Borg]
[Spettur James Mallia]

vs

George Irshad

Kumpilazzjoni Numru: 647/2023

Illum, erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu, 2025

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra **George Irshad** detentur tal-Permess ta' Residenza Malti bin-numru 0184687A akkuzat talli fil-wiehed

u ghoxrin (21) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023), ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofs n-nhar (14:30hrs), gewwa -Omissis- u/jew f'xi bnadi ohra gewwa dawn il-Gzejjer:

1. **Wettaq atti ta' natura sesswali minghajr kunsens fuq il-persuna ta' -Omissis-, imwielda fit--Omissis-, liema atti, fihom innifishom, ma jikkostitwixxux wiehed mid-delitti kkunsmati jew attentati msemmijin fl-artikoli ta' qabel l-artikolu 207 dis-Sub-Titolu II tat-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dana illi r-reat huwa aggravat *stante* li l-imsemmija -Omissis- hija minuri;**

   ***(Artikolu 207 u 202 (g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)***

2. **U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, b'xi mezz barra minn dak imsemmi fl-artikoli 203 (1) tal-Kodici Kriminali, eccita, ghin jew iffacilita l-korruzzjoni ta' persuna ta' taht l-età, tas-sess il-wiehed jew l-iehor, *ossia* lil -Omissis-, imwielda fit--Omissis-;**

*(Artikolu 203A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*

Akkuza ukoll talli:

3. Fl-istess data, kif ukoll fil-granet u/jew xhur ta' qabel, fl-istess lok, u cirkostanzi gab ruhu b'mod li ta fastidju lil -Omissis-, imwielda fit--Omissis-; u/jew gab ruhu b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghall-imsemmija -Omissis-; kif ukoll talli ssoggetta lill-imsemmija -Omissis-, ghal xi att ta' intimita fizika u/jew imgiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, u aktar talli issoggetta lil -Omissis- ghal xi att ta' intimita' fizika u/jew imgieba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali inkluz kliem bil-fomm, mossi u/jew ghemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u/jew imgiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistghu ragonevolment jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u/jew intimidatorju lejha;
*(Art. 251A (1)(a)(b)(c)(e), Art. 251A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*

**Il-Qorti giet gentilment mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta waqt il-mori tal-kawza u f'kaz ta' htija ai termini tal-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta favur -Omissis-;**

**Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tordna li s-sentenza tigi registrata ai termini tal-Artikolu 6 (2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn hu wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-Fedina Penali tal-imputat;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tmintax (18) ta' Dicembru, 2023 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 17, 31 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 207, 202 (g) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 203A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 251A (1)(a)(b)(c)(e), 251A (4) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikolu 412C u 412D tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju;

Semghet it-trazzjoni tal-partijiet fis-seduta datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena 2025.

## Ikkunsidrat

Illi xehdet l-Ispettur Kylie Borg li pprezentat rapport, certificat tat-twelid tal-vittma minuri, fedina penali tal-imputat, permess residenzjali tal-imputat, rapport, stqarrija li ttiehdet b'mod awdjo-viziv, passaport, permess residenzjali u licenzja tas-sewqan. Tghid li fil-wiehed u ghoxrin (21) t'Awwissu hi kienet l-Ispettur tal-Ghassa gewwa l-Vice Squad meta ghamel kuntatt maghha l-Ispettur James Mallia li kien qieghed l-Ghassa ta' Birzebbuga. Tghid li giet infurmata li kien ghadu kif gie arrestat l-akkuzat li huwa ta' nazzjonalità Pakistana li allegatament kien mess lill-vittma minuri li ghandha hmistax (15)-il sena. Tghid li l-akkuzat huwa l-hassiel tal-komun fejn tirrisjedi l-allegata vittma. Tixhed li l-ghada hi kellmet lill-vittma minuri li stqarret maghha li hi u niezla t-tarag tal-komun inzertat lill-akkuzat li kull darba li jinzertaha kien isaqsiha kif inhi. Tghid li l-vittma minuri stqarret maghha li maz-zmien l-akkuzat kien gieli jghannaqha u jbusha fuq mohhha. Tghid li l-vittma kompliet tistqarr li hi kienet tiddejjaq b'dan l-agir izda ma kinitx tibza' minnu filwaqt li turih li ma kinitx tkun komda li jghamlilha hekk. Tghid li ommha kienet tghid lil bintha sabiex ma taghtix kaz it-tghanniq izda li turih li qieghda tiddejjaq b'dan

l-agir. Kompliet tistqarr maghha li dakinhar l-akkuzat kien waqqafha biex jghidilha li hu kien ilu ma jaraha u dak il-hin hu gibidha lejh minn idejha sabiex jghannaqha u anke biesha fuq mohhha. Tghid li kien hemmhekk meta hu rega' qabadha minn idejha u bl-id l-ohra messilha l-genb ta' sidirha. Tghid li dak il-hin il-vittma minuri telqet 'il barra u cemplet lil ommha minn fuq tal-linja sabiex tghidilha x'gara. Tghid li wara ftit kien cemplilha missierha sabiex terga' tirritorna lura d-dar stante li kien ser jaghmel rapport kontra l-akkuzat.

Tkompli tixhed li dakinhar tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Awwissu 2023 hi kellmet lill-akkuzat u haditlu stqarrija awdjo-viziva u dan wara li l-istess akkuzat inghata d-drittijet tieghu skont il-ligi inkluz id-dritt ta' interpretu. Tixhed li l-akkuzat kien fil-fatt anke kkonsulta mal-avukat tieghu l-Av. Beppe Darmanin. Tghid li filwaqt li l-akkuzat uza d-dritt tas-silenzju, hin minnhom qal li dak li gara kien sehh bi zball filwaqt li jghidilha li hu kien jara lill-vittma minuri bhala ohtu. Tghid li fl-istess gurnata l-akkuzat tressaq il-Qorti b'arrest quddiem il-Magistrat tal-Ghassa u cioè Magistrat Dr Nadine Sant Lia.

Illi xehdet **<u>Stefania Calafato Testa</u>** ghan-nom u inrapprezentanza tal-Qrati Kriminali u Tribunali. Tghid li s-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs George Irshad deciza minn din il-Qorti kif diversement presjeduta datata disgha (9) ta' Novembru 2021 ma gietx appellata. Ipprezentat dokument b'referenza ghal multa li kienet inghatat fl-istess sentenza u li tali multa giet imhallsa fit-tlieta (3) ta' Dicembru 2021. Tixhed li l-proceduri ta' din is-sentenza kienu rigwardanti vjolazzjoni tat-traffiku.

Illi xehdet il-vittma minuri **<u>-Omissis-</u>** li kellha hmistax (15)-il sena meta sehhew l-allegati reati. Tghid li hi tirrisjedi gewwa l-fond -Omissis- u li ilha tghix hemm ghal madwar sentejn. Tghid li hi wettqet rapport kontra l-hassiel tal-komun tal-blokka u li din il-persuna ilha tahsel il-komun ghal madwar sentejn. Tixhed li hi kienet tinzertah meta tinzel bit-tarag stante li jkun qieghed jahsel il-komun. Tghid li fil-bidu l-akkuzat kien joqghod ikellimha izda bil-mod il-mod kien qieghed jibda jghannaqha u eventwalment anke jbusha fuq mohhha. Izzid tghid li l-akkuzat jirrisjedi fil-blokka ta' faccata u gieli kienet tinzertah fil-gallarija tieghu. Tghid li hi kienet tinzerta lill-akkuzat fil-pjan terran l-iktar u gieli hdejn it-tarag tal-komun. Izzid tghid li maz-zmien l-akkuzat kien

qieghed jissocjalizza maghha bil-mod sakemm hassu komdu li jkellimha normali. Tghid li kienet ghaddiet sena minn mindu kienet tafu meta l-akkuzat beda jkun iktar kunfidenti li jghannaqha. Tixhed li hi kienet thossha skomda meta kien jghannaqha u tishaq li l-akkuzat kien jghidilha li kien iqisha bhala bintu.

Tkompli tixhed li kienet tghid lil ommha dwar dan l-agir u kienet taf li l-akkuzat kien isaqsi lil ommha ghaliha izda qatt ma rat xejn hazin minnu. Tghid ukoll li hi kienet taf li l-akkuzat kien jahdem il-Mariners u li kien ikollu l-istess tip ta' atteggjament. Tghid li l-allegat incident sehh fil-wiehed u ghoxrin (21) t'Awwissu 2023 ghal madwar is-saghtejn jew it-tlieta ta' wara nofsinhar. Tixhed li dakinhar harget barra u dan billi uzat it-tarag meta nzertat lill-akkuzat  fil-pjan terran. Tghid li l-akkuzat saqsieha fejn sejra hekk kif qabadha mill-polz ta' idha x-xellugija filwaqt li ghannaqha. Izzid tghid li l-akkuzat sahansitra anke biesha fuq mohhha. Tghid li l-akkuzat dak il-hin wara li biesha u ghannaqha hu kien qieghed izommha milli titlaq. Tghid li dak il-hin l-akkuzat messilha sidirha u hi iktar bdiet tingibed lura filwaqt li l-akkuzat taha harsa kerha. Tispecifika li l-akkuzat melles sidirha u ma skuzax ruhu. Tghid li hi ma werzqitx stante li kienet imfixkla u hassitha wisq vicin tieghu.

Izzid tghid li hi telqet biex taqbad tal-linja u cemplet lil ommha sabiex tghidilha b'dan kollu li kien gara. Tixhed ukoll li eventwalment missierha kellimha tramite c-cellulari sabiex tinzel minn tal-linja u tigi lura d-dar u hi fil-fatt hekk ghamlet. Tghid li meta waslet lura d-dar sabet tliet (3) ufficjali tal-Pulizija filwaqt li l-akkuzat ma ratux. Tghid li dakinhar li sehh l-allegat incident riedet tinfaqa' tibki.

Inkontroezami tghid li gieli meta kienet tohrog mid-dar biex tiltaqa' ma' shaba kienet tinzerta lill-akkuzat joqghod ihares lejha. Tispecifika li l-bews fuq il-mohh ma kienx isehh kuljum. Tghid li l-akkuzat messilha sidirha bl-id il-leminija filwaqt li hu qabdilha l-id ix-xellugija.

Illi xehed **-Omissis-** li huwa missier il-vittma minuri u jghid li l-allegati reati sehhew fil-wiehed u ghoxrin (21) t'Awwissu tas-sena 2023 u cempel il-Pulizija sabiex iwettaq rapport fil-konfront tal-akkuzat. Jghid li dakinhar martu kienet qaltlu li l-vittma minuri kienet harget minn gol-flat u xhin giet lura kellmitha tramite t-telefon sabiex tghidilha li l-hassiel ittanta lill-istess vittma minuri. Jixhed li martu qaltlu li l-akkuzat ghannaq lil bintu kif ukoll biesha

fuq mohhha filwaqt li qabdilha sidirha. Jghid li martu qaltlu wkoll li l-akkuzat kien anke zamm lill-vittma minuri minn idejha. Izid jghid li dak il-hin hu nizel ikellmu u fil-fatt l-akkuzat inhasad kif rah. Jixhed li kif saqsieh ghalfejn mess lil bintu l-akkuzat beda jiskuza ruhu filwaqt li nizel gharkopptejh. Jixhed li hu hareg mill-blokka sabiex jaccerta ruhu li l-akkuzat ma jahrabx filwaqt li cempel il-Pulizija. Jixhed li dak il-hin kien anke cempel lil bintu biex tigi lura d-dar stante li kienet lahqet marret lejn iz-Zejtun.

Illi xehdet **-Omissis-** li hija omm il-vittma minuri u tghid li meta gara l-allegat incident bintha kellha hmistax (15)-il sena. Tghid li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Awwissu 2023 hi u r-ragel kienu qeghdin jaraw it-televizjoni meta bintha qaltilha li kienet hierga barra. Tghid li wara ftit minuti cemplet il-vittma minuri sabiex tghidilha li hi u niezla t-tarag l-akkuzat bisilha mohhha, ghannaqha kif ukoll missilha sidirha. Izzid tghid li dak il-hin ir-ragel nizel ikellmu. Tghid li wara ftit nizlet hi u sabet lill-hassiel kif harget mil-lift fejn ipprosegwa li jiskuza ruhu ripetutament. Tixhed li dak il-hin hi qaltlu li messu hasibha sew qabel. Tghid li bintha kellha terga' tigi lura d-dar permezz ta' servizz ta' Bolt. Tixhed li ilhom jghixu gewwa din il-blokka ghal madwar sentejn u b'hekk

ilha taf lill-akkuzat sentejn. Tghid li bintha kemm-il darba kienet inzertatu u joqghod jurilha ritratti tat-tfal tieghu filwaqt li jghannaqha. Tixhed li l-vittma minuri kienet tiddejjaq b'dan l-atteggjament. Tghid li dan gara forsi darbtejn. Tixhed li dakinhar il-vittma minuri sahqet maghha li l-akkuzat messilha l-genb tas-sider u minn fuq s'isfel.

Illi xehed <u>**PS 995 Christian Mangion**</u> li jikkonferma li r-rapport esebit a fol. 15 tal-atti processwali kien gie mhejji minnu stess. Jghid li fil-wiehed u ghoxrin (21) t'Awwissu 2023 kien stazzjonat gewwa l-Ghassa taz-Zejtun meta fit-tlieta nieqes ghaxra ta' wara nofsinhar gie infurmat li l-vittma minuri kienet allegatament giet abbuzata sesswalment. Jghid li missier l-istess vittma u cioè - Omissis- qallu li kienet ghadha kif cemplitlu bintu biex tghidlu li l-hassiel tal-komun beda jghannaqha u jmissilha sidirha. Jghid li hu mar fuq il-post fejn sehh l-allegat reat u kellem lill-akkuzat George Irshad. Jghid li hu arresta lill-akkuzat u dan wara li tah id-drittijiet tieghu skont il-ligi u ttiehed gewwa l-Ghassa ta' Birzebbuga. Jixhed li bhala parti mill-investigazzjonijiet tieghu hu wettaq tfittxija kemm fuq il-persuna tal-akkuzat kif ukoll gewwa l-propjetà tieghu fejn instab il-passaport tieghu kif ukoll ic-cavetta

tal-karozza. Jixhed li l-akkuzat ittiehed gewwa l-Lock Up u hu informa lill-Ispettur James Mallia b'dan kollu.

Illi xehed PS 31 Mario Farrugia li jghid li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Awwissu tas-sena 2023 kien prezenti ghall-istqarrija tal-akkuzat u li ttiehdet mill-Ispettur Kylie Borg gewwa l-Kwartieri Generali fejn kien hemm ukoll prezenti t-traduttur tal-akkuzat. Jixhed li l-akkuzat kien inghata d-drittijiet tieghu skont il-ligi kif ukoll gew spjegati l-akkuzi li qeghdin isiru fil-konfront tieghu. Izid jghid li hu kellem lill-avukat tal-fiducja tieghu l-Av. Beppe Darmanin u fil-fatt ezercita d-dritt tas-silenzju matul l-interrogazzjoni. Jghid li fl-istqarrija hin minnhom l-akkuzat qal li dak li allegatament gara kien bi zball filwaqt li hu kkunsidra lill-vittma minuri bhala ohtu.

Illi xehed PS 408 Mark Schembri li jghid li hu kien prezenti waqt li ttiehdet l-istqarrija b'mod awdjo-viziv tal-akkuzat fit-tnejn u ghoxrin (22) t'Awwissu 2023. Jghid li l-istqarrija saret mill-Ispettur Kylie Borg fil-prezenza ta' PS 331 kif ukoll l-interpretu Piali Sarkar. Jixhed li l-akkuzat ikkonsulta l-avukat tal-fiducja tieghu filwaqt li anke nghata id-dritt tas-silenzju.

Illi xehed __l-Ispettur James Mallia__ li pprezenta vera kopja ta' sentenza moghtija fil-konfront tal-akkuzat immarkata bhala Dok. JM1. Jghid li fil-wiehed u ghoxrin (21) t'Awwissu 2023 is-Surgent John Christian Mangion PS 995 ikkomunika mieghu biex jinfurmah li kien ghadu kif dahal rapport gewwa l-Ghassa taz-Zejtun li missier il-vittma minuri kien qieghed jistenna quddiem il-bieb tar-residenza tieghu stante li l-istess vittma minuri infurmatu li l-hassiel tal-komun kien ghadu kif allegatament missilha sidirha. Jixhed li hu informa lis-Surgent li l-akkuzat ghandu jingabar mill-Pulizija u jinghata d-drittijiet tieghu skont il-ligi. Jixhed li fil-fatt l-akkuzat ittiehed gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zebbug fejn spjegalu iktar minn darba d-drittijiet tieghu u ried jaccerta ruhu li l-istess akkuzat kien qieghed jifhem bl-Ingliz. Jghid li stante li l-kaz kien rigward atti ta' natura sesswali fuq minuri hu kkomunika mal-Ispettur Kylie Borg fejn hi kompliet tinvestiga l-kaz.

Illi xehdet __Dr Katya Vassallo__ li pprezentat traskrizzjoni tal-istqarrija tal-akkuzat liema traskrizzjoni giet ipprezentata u mmarkata bhala Dok. KV1.

Illi regghet xehdet **-Omissis-** inkontroezami li tghid li qabel l-allegat incident bintha kienet tkellem lil xi hadd izda qatt ma kellha relazzjoni sesswalli ma' din il-persuna. Tghid li l-akkuzat meta kien jinzertaha kien jistaqsiha rigward it-tifla billi jghid "*How is my sister?*". Tghid li bhala età l-akkuzat ghandu madwar erbghin (40) sena. Izzid tghid li filwaqt li kellha zewgt (2) itfal ohra l-akkuzat ma kienx isaqsiha dwarhom. Tghid li dan jista' jkun minhabba l-fatt li l-vittma minuri ghandha karattru ta' estrovert. Tixhed li tifla minnhom hija tewmija tal-vittma minuri filwaqt li tifla ohra ghandha l-età ta' tnejn u ghoxrin (22) sena.

Illi xehed minn jeddu l-imputat **George Irshad** li jghid li hu gie Malta stante li hu jipprattika r-religjon Nisranija filwaqt li l-Musulmani ta' pajjizu kienu qeghdin joholqu problemi ta' natura politika. Jghid li hu ilu jirrisjedi gewwa Malta ghal madwar seba' (7) snin flimkien ma' martu u zewgt (2) ibniet li twieldu go Malta. Jixhed li hu jahdem bhala handyman u ghadu jahdem gol-post fejn sehh l-allegat incident. Izid jghid li hu jghix go Hal Luqa filwaqt li qabel kien jghix gewwa Birzebbuga. Jghid li hu gieli kien jitqabbad mis-sid tal-blokka fejn sehh l-allegat reat sabiex inaddaf. Jixhed li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Awwissu 2023 qam fis-sebgha ta'

filghodu sabiex jipprepara t-tfal tieghu ghall-iskola u wara li wassalhom qabad tal-linja sabiex imur Birzebbuga. Izid jghid li hu wasal -Omissis-. Jispjega li tali binja fiha tliet (3) blokok u kull wahda ghandha tliet (3) sulari. Jixhed li meta beda jipprepara biex jahsel l-art tal-komun hadd ma kien hemm. Jispecifika li hu beda jiknes minn fuq s'isfel u wara beda l-hasil tal-art. Jghid li gab l-ilma mill-bramel li s-sidien tal-appartamenti jkunu hallew quddiem il-bieb taghhom. Jghid li hu dam saghtejn jiknes il-blokok. Izid jghid li hu beda jahsel minn fuq u xhin wasal isfel hu inzerta lill-vittma minuri li kien jafha bhala -Omissis-. Jghid li s-soltu meta kien jinzertaha wahedha jew m'ommha kienu jsellmu lil xulxin u kien jghidilha li ma fiha xejn hazin jekk xtaqet tkellmu.

Ikompli jixhed li l-vittma minuri kienet tfakkru f'ohtu stante li kienet tixbahha tant li hu kien jistaqsi fejn hi ohtu, b'referenza ghall-vittma minuri. Jispecifika li meta nizlet il-vittma minuri hu qalilha biex toqghod attenta stante li l-art kienet ghadha mxarrba. Jghid li fuq in-naha tax-xellug tieghu kien hemm il-barmil mal-art u f'idejh il-leminija kellu bicca tal-art li mbaghad spiccat f'idejh ix-xellugija. Hekk kif il-vittma minuri ghaddiet minn quddiemu l-akkuzat mess maghha bi zball. Jixhed li matul dan kollu hu kellu

dahru mal-hajt. Jispecifika li hu laqat lill-vittma minuri bl-id il-leminija. Jghid li hekk kif gara hekk il-vittma minuri ma qalet xejn u baqghet sejra filwaqt li qaltlu biex ma jergax imissha. Jippreciza li hu laqatha fil-genb tas-sider. Izid jghid li hu skuza ruhu maghha. Jghid li hu kien ixxukkjat kif qaltlu hekk stante li hu kien jindirizzaha bhala ohtu. Jghid li sahaq l-istess haga ma' missier il-vittma minuri u cioè li laqatha bi zball.

Inkontroezami jghid li hu jitkellem mar-residenti tal-appartamenti bil-lingwa Ingliza minkejja li l-livell tal-Ingliz huwa wiehed baxx hafna. Jispjega li bhala parti mill-kultura tieghu hu jirriferi ghal certu nies bhala huh jew ohtu. Jikkonferma li lill-omm il-vittma minuri kien jindirizzaha bhala zija. Jixhed li hemm ftit residenti ohra fil-blokka li huma ta' certu età avvanzata li kien jindirizzahom bhala zijiet. Jixhed li kemm ilu jirrisjedi gewwa Malta ma regax mar lura lejn il-Pakistan u filwaqt li jhoss in-nuqqas t'ohtu hu xorta wahda ghadu jikkomunika maghha. Jghid li hu ma tefax il-bicca tal-art mal-art stante li kienet mahmuga u ghalhekk zammha f'idejh. Jippreciza li hu hassu hazin ghaliha stante li kien messha bi zball. Jispecifika li hu kien jinzerta lill-vittma minuri bejn darba fix-xahar u darba kull xahrejn.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Emad Masoud</u> gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla) (Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex*

*persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to*

*protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi f'dawn il-proceduri jirrizulta li ma hemmx provi tangibbli u konkreti li l-allegati reati kkommettiehom l-imputat odjern u dan ghaliex jirrizulta li hargu diversi inkonsistenzi u nuqqasijiet fil-provi li ngabru mill-prosekuzzjoni u dan kif ser jigi spjegat f'din is-sentenza.

Illi ghalhekk din il-Qorti ser ikollha tezamina xi provi cirkostanzjali hemm fil-proceduri sabiex tara jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha. Illi l-Qrati nostrani huma cari fuq dan is-suggett. Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

*““Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-*

*raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Di più mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Pulizija vs Cyrus Engerer** (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi*

*migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuna minorenni kif sancit mill-Artikolu 207 tal-Kodici Kriminali:

*"Kull min jinsab hati ta' att ta' natura sesswali minghajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta'*

*qabel ta' dan is-Sub-titolu, jehel il-piena ta' prigunerija minn tliet snin sa seba' snin:*

*Izda fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 202, il-piena tizdied bi grad."*

Illi reat iehor li jinsab akkuzat bih l-imputat huwa dak ta' istigazzjoni ta' korruzzjoni ta' minuri kif dettat mill-Artikolu 203A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Kull min, b'xi mezz barra minn dak imsemmi fl-artikolu 203 (1), jeccita, jghin jew jiffacilita l-korruzzjoni ta' persuna ta' taht l-eta` tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn tliet snin sa sitt snin u d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 203(2) u (3) jghoddu, mutatis mutandis, ghal delitt that dan l-artikolu:*

*Izda l-piena ghal dan id-delitt tkun ta' prigunerija minn erba' snin sa tmien snin f'kull wiehed mill-kazijiet imsemmijin fil-proviso li hemm ghall-artikolu 203(1)".*

Illi jinghad li dan il-kaz jistrieh kompletament fuq il-kredibilità tal-minuri -Omissis- kif ikkorroborata mal-provi l-ohra mressqa mill-prosekuzzjoni. Zewg affarijiet li din il-Qorti tikkonsidra meta tkun qed tanalizza tali xhieda ta' minuri huma dawk tal-idonejità taghha bhala xhud u il-veracità tat-testimonjanza taghha.

Illi fl-ewwel lok a rigward l-idonejità tal-minuri bhala xhud, tezisti gurisprudenza varja dwar dan il-kuncett. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Giuzeppi Bonnici**</u> datata 28 ta' Marzu 1949, gie stipulat hekk -

> *"Skond il-Ligi Maltija (art. 626 Kap. 12 [illum art. 630 Kap. 9]), hadd ma jista' jigi eskluz milli jaghti x-xhieda tieghu minhabba li ma jkollux xi età partikulari. Izda, tkompli tghid il-Ligi ta' Malta, hemm bzonn li l-Qorti tkun sodisfatta illi x-xhud, ghalkemm mhux ta' l- età, jaf illi hija haga hazina li wiehed jixhed il-falz. Minbarra dan, hu wkoll ligi (art. 625 [illum 629] illi meta l-Qorti, minhabba l-età tax-xhud, ikollha dubju jekk hu jifhemx l- importanza tal-gurament, anki wara t-tifsir tal-Qorti, u jkun jidhrilha mehtieg illi x-xhud, qabel ma jixhed, ghandu jigi nfurmat*

*ahjar dwar il-konsegwenzi ta' xhieda falza, hija tista', jekk fil-fehma taghha x-xhieda ta' dak ix-xhud hija rilevanti, thalli l-kawza ghal gurnata ohra;"*

Illi, ukoll il-kwistjoni tal-età tax-xhud, fuq l-iskorta tat-test tal-ligi u l-gurisprudenza varja, giet indirizzata minn Sir Anthony Mamo fin-*"**Notes on Criminal Procedure**"* b'dan il-mod:

*"The essential condition [dwar il-kompetenza tax-xhud] is that the person shall be of sound mind at the time of being tendered as a witness. If this condition is satisfied, the want of any particular age is not a reason for excluding competence, it being sufficient that the court be satisfied that the witness, though of young age, understands that it is wrong to give false testimony .... **Competency thus depends not on the precise age but upon the actual intelligence of the witness**.*

*Our law still makes it essential, however, to the competency of every witness that he should know and accept the obligation of an oath and that he shall in fact be*

*sworn. The principle upon which our law still proceeds is that 'it places no reliance on testimony not given on oath. Consequently no person whatever his age can give testimony upon any trial, civil or criminal, until he has, in the form prescribed by law, given an outward pledge that he considers himself responsible for the truth of what he is about to narrate, and renders himself liable to the temporal penalties of perjury in the event of his wilfully and corruptly giving false evidence' ....*

*If on account of his age or for other reasons it appears doubtful whether a person tendered as a witness understands the obligation of the oath, the court explains this to the witness; and if, notwithstanding such explanation the court shall deem it necessary that the witness, before giving evidence, be further instructed as to the consequence of the false testimony, the court may, if it considers the evidence of such witness to be important for the ends of justice, adjourn the trial to another day and, should the case be before the criminal court, discharge the jury.*

> ***If the court is not satisfied that the proposed witness can understand the obligation of the oath (nor that he can be instructed as aforesaid) the court is bound to reject that witness as incompetent*[1]*. It cannot hear him without oath (...)"*

Illi rigward il-veracità tax-xhieda tal-minuri ghandu jinghad li meta xehed l-akkuzat tali xhieda kienet iktar kredibbli minn dik tal-vittma minuri u dan kif ser jigi spjegat f'din is-sentenza. Illi l-akkuzat ghazel li jixhed minn jeddu fejn hu sostna li l-kuntatt fiziku li sehh kien zball genwin u minghajr ebda intenzjoni sabiex jikkommetti r-reati li bihom qieghed jigi akkuzat.

<u>**Ikkunsidrat**</u>

Illi oramaj huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghal-liberatorja tal-imputat ghaliex il-Qorti hija obbligata li tevalwa l-provi fl-assjem taghhom u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min tista' temmen u

[1] Emfazi tal-Qorti

f'xiex u dan *multo magis* f'dawn it-tip ta' kawzi meta jkollok verzjoni ta' minorenni versu verzjoni ta' persuni ohra.

Illi huwa principju bazilari wkoll li r-reat li bih huwa addebitat l-imputat irid jigi ppruvat mill-prosekuzzjoni 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Dan ifisser li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li din il-Qorti trid tasal ghalih hu, li wara li tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-provi kollha inkluz dawk xjentifici u medici, tkun moralment konvinta minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. F'dawn il-kuntesti l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal **Lord Denning**:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of*

*course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis** deciza mill-Qorti Kriminali fil-11 ta' Jannar 2019 inghad:

*"Illi huwa minnu illi dawn il-kazijiet ta' reati kontra l-persuna fosthom stupru, u korruzzjoni ta' minuri hafna drabi jipprezentaw stampa fejn l-provi probatorji ikunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni involuti f'dan l-event kriminuz u cioe' il-verzjoni tal-minuri u dik tal-persuna akkuzata. Wiehed jghid iswed u l-iehor jghid abjad biex b'hekk ghandhom rwol rizoluttiv, il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibilita` u attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha.*

*Illi inoltre biex tezamina l-kredibilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji ipprezentati quddiemha*

*mhux biss mix-xhieda tal-atturi ewlenin involuti f'din il-vicenda sfortunata, izda ukoll tax-xhieda l-ohra li iddeponew u xhieda ohra li taw il-kontribuzzjoni taghhom professjonali ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza, ezercizzju li din il-Qorti trid taghmel b'mod konciz u dettaljat."*

Illi fuq dan is-suggett u ghall-kompletezza, qed issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**[2] fejn gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

[2] QA Kriminali – deciza fid-19 ta' Mejju 1997

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja."*

Ukoll fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorne**[3], il-Qorti qalet:

*"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"*

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace**[4] inghad is-segwenti:

*"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l-*

[3] QA Kriminali – deciza 9 ta' Lulju 2003
[4] QA Kriminali deciza fil-31 ta' Ottubru 2013

*Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija millArtikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Illi l-Qorti rat ukoll dak li jipprovdi Artikolu 637 dwar kif ghandha tanalizza kredibbiltà ta' xhud b'dan illi, *"id-decisjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal- kaz."*

Illi minkejja l-fatt kif digà nghad li l-vittma minuri kienet konsistenti sal-icken dettal tul ix-xhieda taghha, huwa l-kompitu ta' din il-Qorti sabiex tanalizza x'jikkostitwixxi bhala "att ta' natura sesswali". Referenza ghalhekk qieghda ssir ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet **<u>Il-</u>**

**<u>Pulizija vs Manweli Zahra</u>** deciza fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April 2023 li tanalizza bir-reqqa l-Artikolu 207 tal-Kodici Kriminali:

> *"Illi dak li trid tara l-Qorti huwa jekk fl-ewwel lok kienx hemm att ta' natura sesswali li ma jammontax ghal delitt iehor attentat jew kkonsmat u li tali att sesswali sar kontra l-volonta' tal-persuna. Illi l-imputat huwa akkuzat biss b'dak li hemm taht l-artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali bl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Gerald Cassar*** *deciza 18/07/1959 dwar l-attentat vjolenti ghall-pudur fejn irretiniet hekk:*
>
>> *L-attentat vjolenti ghal pudur - il-vokabolu 'attentat' fis-sens ta''osare', 'ardire', 'thebb' -jew oltragg vjolenti ghal pudur hu kostitwit minn tutti quegli atti impudici commessi sopra 18 altra persona contra la di lei volonta. (Carrara, Programma - 1542)" "Nell'essenza di fatto del delitto di oltraggio violento al pudore non si richiedono condizioni speciali degli elementi costitutivi del corpus criminis*

> *in tale maleficio si esaurisce nelle condizioni materiali di un atto esercitato sulla persona altrui, dal quale ne risulti un oltraggio al di lei pudore eseguito con pravo fine e previsione di tale risultato.*

*F'dan ir-rigward ukoll issir referenza ghal kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Joseph Micallef*** *deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-13 ta' Novembru 1988. (Vol. XXXIX.iv.931)*

> *"Kif gie spjegat magistralment mill-kompjant Imhallef William Harding, fis-sentenza tat-8 ta' Jannar 1955, fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Kelinu Mifsud*** *(Vol. XXXIX.iv.931), il-kriterju differenzjali senjat mil-ligi stess bejn ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u dak ta' attentat vjolenti ghall-pudur huwa wiehed negattiv, fis-sens li jekk jikkonkorru fil-fatt addebitat lill-imputat ir-rekwiziti tal-korruzzjoni ta' minorenni hemm dan id-delitt, jekk le hemm l-attentat vjolenti ghall-pudur (p. 933). Din il-Qorti diga` kellha l-okkazjoni li tezamina fid-*

*dettal l-element materjali tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni fis-sentenza taghha tat-8 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet **The Police v. Thomas Wiffen**.*

*F'din is-sentenza kien gie spjegat, fi kliem il-gurista **Francesco Carfora**, li:*

*"'Atti di libidine … debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo completo della libidine …. Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attriburi loro il carattere di atti di libidine … noi rileveremo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita ̀ e tali da aver rapporto prossimo e diretto colle funzioni sessuali' (Digesto Italiano, Vol. VIII, parte 3, p.967)*

*Dwar it-tifsira ta' dak li jikkostitwixxi atti di libidine, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Thomas Wiffen** deciza nhar it-tmienja ta' Jannar 1996 li tghid:*

> *"Lewd acts are therefore all those acts 'diretti ad ecitare la propia consupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli ovvero diretti a sodisfare sifatta concupiscenza' the duration of these acts is immaterial for the nature of a lewd act.*
>
> ***Whether there has been defilement or not, is not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge, the lay judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or judge in all other cases - taking into account all the circumstances of the case, including***

***in particular the age of the victim and the nature of the act or acts[5].”***

…

*Mill-banda l-ohra, kif gie osservat fis-sentenza* ***Il-Pulizija v. Kelinu Mifsud*** *(vol. XXXIX.iv.931):*

*“L-artikolu dwar l-attentat vjolent ghall-pudur kien mehtieg, ghax, jekk l-azzjoni tas-suggett attiv tkun oltraggjat il-pudur tas-suggett passiv, dan hu bizzejjed, kien x’kien il-motiv li spinga s-suggett attiv, anki jekk ma kienx fini libidinuz, imma, per ezempju, kien vendetta. Hekk kien il-kaz ‘Rex vs Carmelo Delia’, 2 ta’ Dicembru 1901, fejn is-suggett attiv iddiporta ruhu dizonestament ma’ mara, izda ghall-fini ta’ vendetta; u l-Qorti qalet – ‘Atteso che, secondo la costante giurisprudenza dei nostri tribunali, il reato contemplato nel precitato articolo comprende qualunque atto che si estrinseca*

[5] Emfazi ta’ din il-Qorti

*nell'oltraggio violento all'altrui pudore, per qualsiasi motivo diretto, senza che nulla influisce sulla nozione del reato la diversita` dellacausa che abbia spinto ad agire, semprecche` l'azione abbia prodotto il risultato di oltraggiare violentemente il pudore altrui.'*

*Kif spjegat fis-sentenza* **il-Pulizija vs Oglive Grima** *deciza fit-30 ta Settembru, 2020 qalet hekk:*

*"din id-definizzjoni ta' atti ta' natura sesswali thaddan fiha kull forma ta' vjolenza sew morali sew fizika, sesswali u psikologika jew kull forma ta' hsara maghmula kontra persuna tas-sess femminili li tinkludi anke it-theddida ghall-istess. Dan ifisser allura illi l-appellant ma jista' qatt iqies illi l-atti impudici li dwarhom huwa gie misjub hati ma ghandhomx fihom l-element tal-vjolenza meta gew kommessi fuq persuna ta' taht l-eta u cioe' tfajla ta' tlettax-il sena, meta minghajr il-kunsens tal-istess kien hemm bewsa fuq ghonq it-tfajla u tokkament*

*tal-warrani ta'l-istess tfajla u dan kontra l-volonta taghha. Jinghad li meta l-appellat staqsa jekk setghax ibus lit-tfajla din telqet tigri tirraporta dak li kien gara lilha."*

*Dan l-agir jiftah lok il-kwistjoni tal-bacio violento kif imsemmi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v Spiro Silvio*** *deciza fit-12 ta' Marzu 1960 fejn gie kwotat anki l-Carrara u ndirizza dan ir-reat billi jghid li wiehed ghandu necessarjament jistaqsi tlett domandi principali u jekk l-istess tlett domandi jigu risposti fil-pozittiv allura jirrizulta l-attentat vjolenti ghall-pudur. Il-Carrara jistaqsi:*

*"Vi fu violenza nell'atto?*
*Vi fu scopo di libidine?*
*Il senso morale del popolo considera quell'atto come impudico?*
*Ove ricorrono queste tre condizione, esiste il delitto di oltraggio violento al pudore. Cosi io riconosco gli elementi dell'oltraggio anche nel semplice bacio*

*violento?" Carrara Programma Parte Speciale Vol II pg 410.*

*L-Archbold (Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017, para 14-88 pg. 923) jispjega hekk:*

*A person (A) commits an offence if—*

*(a) he intentionally touches another person (B),*

*(b) the touching is sexual, (c) B does not consent to the touching, and*

*(d) A does not reasonably believe that B consents.*

...

*L-**Archbold** jaghti spjegazzjoni dwar "touching" u l-elementi li jsawru dan ir-reat:*

*"Touching" includes touching with any part of the body, with anything else and through anything: s.79(8), ante.*

*[...]*

*In H. 2005] 2 Cr.App.R. 9, the Court of Appeal confirmed that a man who grabbed the trouser pocket of a woman and pulled her towards him shortly after asking her "Do you fancy a shag?" was guilty of an offence under s.3. A person "touched" another person if he touched the clothes that the other person was wearing. Where a touching was not inevitably "sexual", the Court stated that it was necessary to approach s.78(b) (ante at § 14-83) in two stages. First, because of its nature, might the touching be sexual? Secondly, because of its circumstances or the appellant's purpose in relation to it (or both) was the touching actually sexual?*

*Different elements of the s.3 offence require proof of different states of mind such that the offence cannot be labelled as one of either basic intent or specific intent. However, the intentional touching element of the offence requires no more than basic intent so that voluntary intoxication cannot not be*

*relied upon to negate that intent: Heard [2007] 1 Cr.App.R. 37. Pg. 923"*

Illi di più a rigward l-element mentali, mill-qari tal-atti hija l-fehma ta' din il-Qorti li ma giex ippruvat li l-imputat kellu il-*mens rea* sabiex jikkommetti dak li qieghed jigi allegat mill-prosekuzzjoni u cioè l-att sesswali minghajr kunsens fuq minorenni. Huwa principju ben stabbilit li sabiex ikun hemm delitt irid ikun hemm prezenti kemm l-*actus reus* kif ukoll il-*mens rea*.

Illi fuq dan il-punt referenza qieghda ssir ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet **The Police vs Stevan Karanovic** moghtija fit-tmintax (18) ta' Gunju 2021 fejn inghad hekk:

*"Also, in the case **il-Pulizija vs Omisses** (App. No. 164 / 2012 DS Dec 22/03/2017) it was stated:*

*"Ghandu jigi ... osservat li fil-korruzzjoni ta' minorenni, appuntu minhabba mhux biss il-kliem*

*"att ta' libidini", imma anke stante l-kelma "jikkorrompi", hemm indikata l-opera perikoluza tas-seduzzjoni, li, kif irrilevat il-Kummissjoni tal-Kamra tad-Deputati fl-Italja, fid-diskussjoni tal-progett tal-Kodici Kriminali tal-1887 (Relaz. CXCIX), ghadha tigi differenzjata minn "un fuggevole atto lesivo del pudore".*

*Fi kliem iehor, l-istess att jista' jammonta biss ghal att leziv tal-pudur ta' dak li jkun jew, jekk ikunu jikkonkorru certi cirkostanzi li jaghmluh hekk, dak l-att ikun att ta' libidini. Il-ligi taghna tikkontempla li r-reat ta' attentat vjolent ghall-pudur jista' jigi kommess anke fuq minorenni, kif jista' jigi kjarament desunt kemm mill-fatt li l-proviso tal-Artikolu 207 taghmel referenza ghall-paragrafu (g) tal-Artikolu 202 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll mill-Artikolu 201(a) tal-istess Kodici. Ghalhekk wiehed ma jistax jargumenta li kull att leziv tal-pudur ta' minorenni jammonta awtomatikament jew necessarjament ghal att ta' libidini."*

Illi din il-Qorti tinnota li l-akkuzat mill-bidu nett kien qieghed jinsisti li dak li kien gara kien zball genwin. Dan anke stante l-fatt li din id-difiza tohrog mill-istqarrija tal-akkuzat datata tnejn u ghoxrin (22) t'Awwissu 2023 kif ukoll mix-xhieda tal-istess akkuzat datata tletin (30) ta' Settembru 2024. Ghandu jinghad li f'dan l-aspett l-akkuzat dejjem baqa' konsistenti u fl-ebda mument ma ttenta li jbiddel il-verzjoni tieghu sabiex joskura l-verità.

Illi kuntrarjament il-vittma minuri tinsisti li l-akkuzat kien fil-fatt gibidha lejh u zammha kontra r-rieda taghha filwaqt li messilha sidirha.

Illi l-akkuzat kien ta xhieda pjuttost dettaljata dwar kif il-vittma minuri ghaddiet minn hdejh u filwaqt li caqlaq il-bicca tal-art minn idejh il-leminija ghal idejh ix-xellugija u dan biex ma jhammigx iktar milli xtaq. Matul dan l-incident kollu hu kien maghfus b'dahru mal-hajt u hekk kif ghaddiet il-vittma minn quddiemu hu laqatha fuq sidirha. Il-Qorti tqis li l-akkuzat qieghed jghid is-sewwa u huwa iktar probabbli li gara dak li qieghed jghid hu u cioè li dak li

sehh kien zball u li tali zball gie interpretat u ppercepit b'mod totalment differenti ghall-ahhar mill-vittma minuri.

Illi ghandu jinghad ukoll li l-Qorti tinsab pjuttost perplessa u minghajr spjegazzjoni valida ghalfejn il-vittma minuri baqghet hierga 'l barra biex tkompli l-gurnata taghha wara avveniment ta' dan it-tip. Ir-raguni jiddetta li jekk vittma minorenni tinsab molestata minn dan it-tip ta' agir allura iregi li l-inklinazzjoni naturali hija li terga' ddur u tavza lill-genituri ta' dak kollu li gara u mhux tkompli sabiex tirkeb tal-linja sabiex tiltaqa' mal-hbieb. Il-Qorti tqis li huwa iktar plawsibbli li l-vittma minuri kien ilu jdejjaqha l-akkuzat u kif gieha c-cans hatfet l-okkazjoni u kabbret is-sitwazzjoni iktar milli hi sabiex tnehhih minn hajjitha fin fin.

Illi ghalhekk il-Qorti tqis li l-verzjoni tal-imputat hija iktar kredibbli u veritjiera u dan ghar-ragunijiet li gew spjegati iktar 'il fuq f'din is-sentenza.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi reat iehor li gie akkuzat bih l-imputat huwa r-reat ta' fastidju kif mahsub fl-Artikolu 251A (1) sub-inciz (a), (b), (c) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Persuna li:*

*a) iggib ruhha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra;jew*

*b) iggib ruhha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna; jew*

*c) tissoggetta lil persuna ohra ghal xi att ta' intimità fizika; jew*

*...*

*e) tissoggetta lil persuna ohra ghal xi att u, jew imgiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u, jew ghemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal iehor, fejn dak l-att, kliem, u jew imgiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistghu ragonevolemnt jigu*

*kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha*

*tkun hatja ta' reat taht dan l-artikolu."*

In propositu tal-akkuzi fil-konfront tal-imputat u cioè r-reati ta' harassment jigi kkwotat l-awtur **Blackstone** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (2012 Ed.):

*"Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is crucial to the success of any prosecution for harassment, and '**it is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct**' (Iqbal v Dean Manson (Solicitors) [2011] EWCA Civ 123 per Rix LJ at [45]). The matters said to constitute the course of conduct amounting to harassment must be ... so connected in type and in context as to justify the conclusion that they amount to a course of conduct (Patel [2005] 1 Cr App R 440; Pratt v DPP (2001) 165 JP 800; C v CPS )."*

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-Artikolu 251C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li tghid li referenzi ghall-ghoti ta' fastidju lill-persuni jinkludu meta wiehed jaghti qatgha jew idejjaq lill-persuna. ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra ghat-terminu generiku ta' fastidju jew "harassment".

Blackstone f'dan ir-rigward, jghid hekk:

> *"'Harassment' is generally understood to involve improper oppressive and unreasonable conduct that is targeted at an individual and calculated to produce the consequences described in s. 7. By s. 1(3) of the Act (see B2.143), reasonable and/or lawful courses of conduct may be excluded. The practice of stalking is arguably the prime example of harassment (Curtis [2010] 1 Cr App R (S) 193) but a wide range of other actions could, if persisted in, be so categorised. A course of conduct which is unattractive and unreasonable does not of itself necessarily constitute harassment;* ***it must be unacceptable and oppressive***

> ***conduct such that it should sustain criminal liability***[6]*. See Majrowski v Guy's & St Thomas's NHS Trust [2007] 1 AC 224, per Lord Nicholls at [30].* ***Harassment includes negative emotion by repeated molestation, annoyance or worry. The words 'alarm and distress' are to be taken disjunctively and not conjunctively, but there is a minimum level of alarm or distress which must be suffered in order to constitute harassment***[7]*."*

F'sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deciza fis-26 ta' Novembru 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali stqarret:

> *"... Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:-* ***"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",*** *dan l-element ta'* ***ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in***

[6] Emfazi ta' din il-Qorti
[7] Emfazi ta' din il-Qorti

*isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza* ***imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxxena*** *u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli."*

Imbagħad, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza deciza fil-21/06/2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**:

*".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn* ***agir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' zmien."*** *Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Parnis** qalet hekk inpropositu:

*"Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B (1) - u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta'*

*ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal- gudikant."*

Illi huwa fatt maghruf li l-kultura Pakistana hija wahda li tiddependi hafna fuq relazzjonijiet li huma bbazati fuq kommunità fejn il-membri jittrattaw lil xulxin bhala familjari. Din il-Qorti tqis li tali gharfien kulturali hareg mix-xhieda tal-akkuzat fejn fil-fatt jghid hekk a fol. 193 *et sequitur*:

| | |
|---|---|
| *"George Irshad:* | *Ahna fil-komunita` taghna Indjana jekk immorru l-knisja jkun hemm hafna nies li jattendu jkunu izghar u hek u nindirizzahom dejjem sister, u brother.* |
| *Qorti:* | *F'dik il-blokka ta' appartamenti kien jghajjat lil xi haddiehor bhala sister? Per ezempju, per ezempju lil omm,* |

*lil omm -Omissis- kien jghidilha auntie per ezempju?*

George Irshad: *Mela lil -Omissis- kon Nirreferi ghaliha bhala oht jew ohti, l-omm kont nindirizzaha bhala auntie, bhala tip ta' komunikazzjoni. E -~Omissis- ghandha ohtha izghar minnha imma qatt ma kelli e komunkazzjoni maghha izda hlief hi u good morning. Mela nikkonsidra lil -Omissis- bhala ohti ghax jien ghandi ohti li l-istess eta`.*

...

Qorti: *Mela n-nies l-ohrajn tal-blokka kien jghidilhom uncles u aunties ukoll?*

George Irshad: *Hemm certu nies li ghandhom certu eta` f'dak, f'dawk l-appartamenti li huma elders jew xjuh u jien gieli*

*meta nindirizzahom: "bongu aunti, bongu uncle.""*

Illi di più l-vittma minuri u l-genituri kkonfermaw li l-akkuzat kien ilu jahdem bhala hassiel tal-blokka ghal madwar sentejn. Iregi allura li in linea mal-prassi kulturali ta' persuna Pakistana li l-akkuzat jibda jittratta nies li kien jara b'mod regolari bhala familja tieghu.

Illi l-Qorti hija konsapevoli tal-fatt li l-vittma minuri kienet qieghda thossha skomda kull darba li kienet tinzerta lill-akkuzat tant li kienet anke qalet lil ommha dwar dan. Huwa kkonfermat ukoll il-fatt li l-omm kienet qaltilha sabiex ma taghtix kasu basta li tghidlu li qieghda tiddejjaq, xi haga li l-vittma minuri m'ghamlitx izda skont hi wriet dizapprovazzjoni. Il-Qorti tqis li, li kieku l-akkuzat kien qieghed johloq tant inkonvenjenza wara sentejn shah, kienet tistenna li jew il-vittma minuri jew inkellha l-genituri taghha li jikkomunikaw mal-amminstratur tal-blokka sabiex l-akkuzat jitnehha ghal kollox u mhux jibqa' jigi ttollerat.

Illi fix-xhieda tieghu stess l-akkuzat jikkonferma a fol. 168 tal-atti processwali li hu kien ghadu qieghed jahdem gol-istess blokka sal-lum il-gurnata:

> *"George Irshad: Mela jien ghadni fl-istess xoghol li kont qed naghmel is-sena l-ohra. L-istess xoghol fl-istess post."*

Illi tenut kont ta' dak li ntqal hawn fuq u tenut kont li ma gietx ippruvata a course of conduct da parti tal-imputat versu l-minuri involut, tali provvedimenti tal-ligi u cioè l-Artikolu 251A (1)(a) u (b) tal-Ligijiet ta' Malta ma ghandhomx japplikaw.

<u>**Ikkunsidrat**</u>

Illi rigward l-Artikolu 251A subinciz c u e tal-Ligijiet ta' Malta, dan it-tip ta' fastidju gie dibattut mill-Qorti Kriminali fil-kawza bl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Roger Galea**</u> (dec. 06/01/2023 per Imh E. Grima) fejn gie deciz illi dan it-tip ta' fastidju ma hemmx bzonn imgiba fastidjuza precedenti. Fil-fatt intqal:

*"L-Ewwel Qorti, fid-decizjoni taghha kienet tal-fehma illi l-agir tal-appellat fil-konfront tal-vittma meta hija harget mill-kamra tal-banju kien meqjus bhala agir b'konnotazzjoni sesswali, liema imgieba ma kenitx mixtieqa mill-vittma u wkoll li kien wiehed offensiv, umiljanti, degradanti u intimidatorju, madanakollu qieset li din l-imgieba kienet marbuta ma' okkazjoni wahda biss u ghalhekk, b'referenza ghal gurisprudenza kopjuza dwar dak li jikkostitwixxi ir-reat tal-fastidju taht l-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, kkonkludiet li l-elementi tar-reat ma jissussistux u ghaldaqstant illiberat lill-appellat mill-akkuza dedotta kontrih.*

*Illi ghalkemm ir-reat li bih l-appellat jinsab mixli jinsab imhaddan fl-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, u cioe' ir-reat tal-fastidju, liema reat l-qrati taghna kostantement interpretawh bhala tali li jirrikjedi imgieba mifruxa fuq ghal ta' l-anqas zewg okkazjonijiet, madanakollu ir-reat ikkontemplat fis-sub-inciz (1)(e) ta' dan l-artikolu tal-ligi, kif gustament jikkonkludi l-appellant Avukat Generali, ma ihaddanx fih l-istess elementi li jiffurmaw ir-reati*

*enkapsolati fis-sub-incizi (a) u (b) promulgati mat-twelid ta' dan ir-reat permezz ta' l-Att XX tal-2005 fejn l-att materjali tar-reat jikkonsisti fl-imgieba li timporta fastidju jew inkella kif jidher mit-test Ingliz meta l-awtur tar-reat "pursues a course of conduct which amounts to harassment". Illi l-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali gie sostitwit permezz ta' l-Att XIII tal-2018 u cioe' 'l-Att biex jipprovdi sabiex l-artikoli sostantivi tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-glieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, isiru u jkunu ezegwibbli bhala parti mil-Ligijiet ta' Malta'. Dan l-Att kellu ukoll bhala l-ghan tieghu li jippromwovi u jipprotegi d-dritt ta' kulhadd, u partikolarment persuni f'riskju li jigu esposti ghal vjolenza domestika li jghixu hajja hielsa mill-vjolenza kemm fl-isfera pubblika kif ukoll dik privata. Din il-ligi il-gdida hasbet sabiex tipprovdi ukoll ghal emendi konsegwenzjali f'ghadd ta' ligijiet varji, fosthom allura f'uhud mid-disposizzonijiet tal-Kodici Kriminali li jkopru ir-reati b'konnotazzjonijiet ta' natura sesswali. Fil-fatt fl-Iskeda ghall-Att hemm riprodotta fl-intier taghha il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u*

*l-glieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika iffirmata gewwa Istanbul, it-Turkija fil-11 ta' Mejju 2011, maghrufa komunement bhala il-Konvenzjoni ta' Istanbul, li giet minn Malta ratifikata f'Mejju tal-2014, bl-adezjoni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja ghal din il-Konvenzjoni isehh fid-09 ta' Gunju 2017. Il-Konvenzjoni ta' Istanbul hija l-aktar trattat internazzjonali komprensiv dwar il-glieda kontra, u l-prevenzjoni, tal-vjolenza kontra in-nisa u vjolenza domestika, bit-Trattat jaghti is-segwenti definizzjoni tal-vjolenza kontra in-nisa:*

> ***""vjolenza fuq in-nisa" hija mifhuma bhala ksur tad-drittijiet tal-bniedem u forma ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa u ghandha tfisser kull att ta' vjolenza abbazi tas-sess li tirrizulta, jew li aktarx tirrizulta fi hsara fizika, sesswali, psikologika jew ekonomika jew tbatija ghan-nisa, inkluz theddid ta' atti bhal dawn, sfurzar jew cahda arbitrarja tal-libertà, kemm jekk issir fil-pubbliku kif ukoll fil-hajja privata."***

*Illi fost ir-reati l-godda mahluqa wara r-ratifikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni hemm dawk imhaddna fl-artikolu 251A(1)(c)(d) u (e) tal-Kodici Kriminali li jitkellmu dwar il-hsara ta' natura sesswali perpetrata fuq il-vittma mill-awtur tar-reat. Illi minn qari tad-dicitura ta' dawn ir-reati l-godda, huwa evidenti li l-att vjolattiv tal-ligi ma ghadux dak ta' imgieba devjanti mifruxa fuq iktar minn okkazjoni wahda, izda jirrizulta ukoll meta ikun hemm att wiehed li jaqa' fid-definizzjoni ta' dawn is-sub-incizi godda ghall-artikolu 251A. B'mod specifiku is-sub-inciz (1)(e) li jikkontempla ir-reat addebitat lill-appellat jitkellem fuq "**att u, jew imgiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali**", b'distinzjoni cara bejn il-kelma "att" u "imgieba", bir-reat allura jissussisti anke meta ikun hemm att vjolattiv wiehed. Illi anke t-test Ingliz ghall-ligi ma jirrendiex lill-awtur tar-reat hati biss meta "(he) pursues a course of conduct" izda meta "(he) subjects another person to **any act** and, or conduct with sexual connotations", b'distinzjoni hawnhekk ukoll bejn il-kelma "act" u "conduct".*

*Illi l-artikolu 40 tal-Konvenzjoni fil-fatt, meta jitkellem fuq il-fastidju sesswali, jimponi is-segwenti obbligu fuq il-firmatarji għat-Trattat:*

> ***"Il-Partijiet ghandhom jiehdu l-mizuri legizlattivi jew mizuri ohrajn necessarji sabiex jizguraw li kwalunkwe forma ta' mgiba verbali, mhux verbali jew fizika mhux mixtieqa ta' natura sesswali bil-ghan jew bl-effett li jmur kontra d-dinjita` ta' persuna, b'mod partikolari meta jinholoq ambjent intimidanti, ostili, degredanti, umiljanti jew offensiv, tkun soggetta ghal sanzjoni kriminali jew sanzjoni legali ohra."***

*Issa l-Ewwel Qorti gustament waslet ghal konkluzjoni li l-imgieba tal-appellat kienet wahda b'konnotazzjonijiet sesswali, li ma kenitx mixtieqa u "***indubbjament wiehed ta' intimidazzjoni, degradanti u offensiv lejn il-vittma."** Illi allura abbazi ta' dawn il-konkluzjonijiet probatorji, l-Ewwel Qorti kellha tghaddi sabiex issib il-htija fl-appellat ghar-reat lilu addebitat billi l-elementi ta' dan ir-reat*

*jikkonsistu mhux biss f'dik l-imgieba jew dik il-course of conduct mehtiega biex jissussistu ir-reati imfassla fis-sub-incizi (1)(a) u (b) ta' l-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, izda ukoll f'dak l-att wiehed u uniku li jkollu konnotazzjonijiet sesswali* ***"inkluzi kliem bil-fomm, mossi u, jew ghemil, ..... fejn dak l-att, kliem, u jew imgiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistghu ragonevolemnt jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha."***

*Illi allura l-Qorti ma tistax taqbel mal-interpretazzjoni moghtija mill-Ewwel Qorti tar-reat addebitat lill-appellat u tqies illi mill-evidenza ikkumpilata fl-atti huwa indubitat illi l-appellat huwa hati kif mixli."*

Illi l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx li l-agir tal-akkuzat kien tali mod li jqanqal certu sens ta' umiljazzjoni jew intimidazzjoni. Wara kollox l-allegat att sesswali qieghed jitqies bhala kuntatt li sar bi zball.

Illi ghalhekk tenut kont ta' dan kollu, maghdud mal-kazistika tal-Qrati nostrani, din il-Qorti ma hiex sejra ssib htija fuq it-tielet (3) akkuza kif dedotta kontra l-imputat.

Illi l-Qorti tifhem kemm lill-vittma minuri u l-familjari taghha, li forsi jaraw dan l-agir bhala wiehed stramb kulturalment, kif ukoll lin-naha l-ohra li ilu jghix hajtu kollha b'din il-prassi kulturali. Illi l-Qorti tifhem li r-realtà hi li l-imputat qieghed jipprova jintegra ruhu gewwa pajjiz differenti izda xorta wahda ghandha tkun ir-responsabbiltà tal-imputat sabiex jara li ma jitqeghidx f'sitwazzjonijiet simili bhal dawk odjerni. Dan qieghed jinghad mhux biss ghal gid tal-istess imputat izda anke sabiex izomm l-interess tas-socjetà bhala priorità u dan billi jzomm f'mohhu n-normi kulturali.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **George Irshad** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih stante li ma gewx ippruvati oltrè d-dubju

dettat mil-ligi u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.

___________________________________________
**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**